**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Andre` Calleja**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoniiet migjuba kontra Andre` Calleja iben Carmel u Isabella nee' Grech imwieled il-Pieta' nhar il-5 ta' Mejju 1994 u residenti gewwa 14, Triq id-Dejqa, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita` 210294M;

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Gunju 2023 bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar (13:00hrs – 15:00hrs) fl-inhawi tal-'Bus Terminus', Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer;

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 479 Frank Anthony Portelli u PC 167 Philip Camilleri persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli attakka jew ghamel resitenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiex bhala vjolenza pubblika kontra PC 479 Frank Anthony Portelli u PC 167 Philip Camilleri inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu jew diga' kienu agixxew ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 479 Frank Anthony Portelli u PC 167 Philip Camilleri u dan skond ma iccertifika Dr Thomas Aquilina MD minn gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floraiana u dan li ksur ta' l-Artikoli 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;2

4. U aktar talli volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe` hgiega ghad-dannu ta' Bijukumar Thankappan, 'Malta Public Transport' u/jew persuni ohra jew entitajiet ohra liema hsara hija ta' inqas minn elfejn u hames mitt ewro (€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 479 Frank Anthony Portelli, PC 167 Philip Camilleri u Bijukumar Thankappan sabiex jingurjhom, idejjaqhom, jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksujr tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u ikkonfermaw bil-gurament l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 21 ta' Gunju 2023;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe':

- Okkorrenza immarkata bhala Dok DB
- Ceritifikat tat-twelid immarkat bhala Dok DB 1
- Fedina Penali immarkata bhala Dok DB2
- Certifikat mediku li gie immarkat bhala Dok DB3
- Certifikat mediku iehor immarkat bhala Dok DB 4
- Rizultati medici immarkati bhala Dok DB 5

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presduta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-3 ta' Lulju 2023;

Il-Qorti wara li tat zmien lill-imputat xieraq sabiex jerga' jikkunsidra l-istess ammissjoni kif wkoll jikkonsulta mal-Avukat tieghu dwar l- istess ammissjoni u wara li spjegat il-piena li igorru tali akkuzi, l-imputat rega' tenna l-istess ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu il konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat u dan stante li l-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin biex tkompli tisma' l-provi, ma tarax li f'dan l-istadju jkun idoneju li l-hati jinghata piena karcerarja effettiva.

**Decide:**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 325(1)(b), 338(ee), 339(1)(d), 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-hati Andre' Calleja ghal-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta ghandhom jigu sospizi ghal-perjodu ta' tnax (12)-il xahar mil-lum u ghal-multa ta' erbat elef Ewro (€4000) li ghandha tithallas sa zmien sitta u tletin (36) xahar mil-lum permezz ta' hlasijiet mensili ta' mija u hdax-il Ewro (€111).**

**Inoltre l-Qorti tordna ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-hati Andre' Calleja jhallas lil Malta Public Transport l-ammont ta' tmien mija u erba' Ewro u sbatax-il centezmu (€804.17).**

**Ai termini tal-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u x'jigri jekk il-hati Andre` Calleja ma jhallasx l-ammont ta' tmien mija u erba' Ewro u sbatax-il centezmu (€804.17) fi zmien prefiss.**

**U ghal dan il-ghan ukoll il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati Andre` Calleja taht ordni ta' trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jigi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tnax-il xahar (12) biex jinghata l-assistenza kollha biex il-hati ikun jista' jigi segwit ghall-problema tal-anger management.**

**Il-Qorti tordna li l-Avukat Generali jinghata kopja ta' dawn l-atti ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**